MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru 446/2002

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Mark Scerri, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-1 ta'
april, 1977

Ill
Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli b'divesi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda –
1. fl-24 ta' mejju, 2002 għal ħabta tal-11.30 a.m. mill-fond bl-isem 'Wingapo', Triq il-Ħamrija, Marsaskala kkometta serq ta' diversi oġġetti tad-deheb, flus kontanti, apparat tal-Hi-Fi u ħwejjeġ oħra għad-dannu tal-konjuġi Framcis u Louise Xuereb minn Marsaskala, liema serq hu kkwalifikat

bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-lok;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' l-istess Francis u Louise Xuereb, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin (lm50);

3. fit-30 ta' mejju, 2002 għal ħabta tad-9.00 p.m. mill-ħanut bl-isem 'Audio Phonic', Triq Santa Marija, Tarxien ikkometta serq ta' diversi telephones ċellulari għad-dannu ta' John u Carmelo Farrugia minn Ħaż-Żabbar, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok u bil-ħin;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' l-istess John u Carmelo Farrugia, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin (lm50);

5. fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanżi u\jew fil-ġranet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-lok;

6. f'dawn il-Gżejjer, fl-4 ta' ġunju, 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data saq vettura tal-għamla Skoda Favorit, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAS 343, mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u talli b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terżi persuni;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, għamel użu mill-istess vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-pulizija biex tintuża fit-triq (liċenzja mhux rinnovata);

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, għamel użu mill-istess vettura meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terżi persuni;

9. talli kiser il-kondizzjonijiet tal-'probation', artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kapitolu 446 tal-

Liġijiet ta’ Malta) li ġiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta’ mejju, 2002.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi, jiġu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan għall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax il-xahar.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piens skond il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ marzu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 18 u 325 tal-Kodiċi Kriminali;
(ċ) fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
(d) fl-artikoli 15(1)(a)(3) u 18(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta;
(f) fl-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta, illum artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ Mary Tabone, care worker, li qed tieħu ħsieb
l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat

l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280 u 325 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 15(1)(a)(3) u 18(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta,
l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, illum artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' disa' xhur priġunerija u l-ħlas ta' multa ta' tlett mija u tmenin lira maltin (Lm380). Barra minn dan tissospendilu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena minn meta jispiċċa jiskonta l-piena ta' priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------